IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 30.3.2012
COM(2012) 152 final

2012/0076 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### Raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Dan isegwi mill-Artikolu 12 tal-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija[1] ("il-Ftehim ta' Ankara") u l-Artikolu 36 tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Ankara[2] ("il-Protokoll Addizzjonali") li l-libertà tal-moviment għall-ħaddiema bejn l-Unjoni u t-Turkija għandha tkun assigurata fi stadji progressivi. L-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Ankara jipprovdi li fl-ambitu tal-Ftehim kwalunkwe diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità għandha tkun ipprojbita. L-Artikolu 39 tal-Protokoll Addizzjonali jistipula li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta miżuri ta' sigurtà soċjali għal ħaddiema ta' nazzjonalità Torka li jiċċaqilqu fl-Unjoni u għall-familji tagħhom li jabitaw fl-Unjoni, u jelenka xi prinċipji ta' koordinazzjoni li dawk il-miżuri għandhom jimplimentaw.

Bħala l-ewwel pass lejn l-implimentazzjoni ta' dawn il-prinċipji tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali fil-ftehim ta' Ankara u l-Protokoll Addizzjonali tiegħu, id-Deċiżjoni Nru 3/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej għall-ħaddiema Torok u l-membri tal-familji tagħhom ġiet adottata mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fid-19 ta' Settembru 1980[3] ("id-Deċiżjoni Nru 3/80"). It-tieni pass, jiġifieri l-adozzjoni ta' Regolament li jimplimenta d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Nru 3/80, qatt ma ttieħed. [4]

Sadanittant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni Nru 3/80, il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni, u l-Artikolu 6 ta' din id-Deċiżjoni, ir-rekwiżit li jirrinunzja l-klawżoli ta' residenza fir-rigward tal-benefiċċji pagabbli skont id-Deċiżjoni, kellhom effett dirett u jista'jiġi invokat quddiem il-qrati nazzjonali[5].

Sabiex tkun provduta ċertezza legali u biex jingħata effett sħiħ lill-prinċipji tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali li hemm fil-ftehim ta' Ankara u l-Protokoll Addizzjonali tiegħu, huwa meħtieġ illi tkun adottata deċiżjoni ġdida mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Nru 3/80. Il-proposta preċedenti tal-Kummissjoni biex timplimenta d-Deċiżjoni Nru 3/80 se tiġi rtirata, kif huwa previst li d-Deċizjoni tal-Kunsill ta'Assoċjazzjoni l-ġdida se timplementa fi stadju wieħed l-obbligi fil-Ftehim u l-Protokoll tagħha.

### Il-kuntest ġenerali

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Ankara u l-Protokoll Addizzjonali dwar il-libertà tal-moviment tal-ħaddiema u l-miżuri adottati biex jimplimentawhom, partikolarment id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni Nru 1/80, għandhom ikunu akkumpanjati minn miżuri xierqa ta' koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali. Barra minn hekk, l-Artikolu 39 tal-Protokoll Addizzjonali fih dispożizzjonijiet espliċiti għall-koordinazzjoni bejn is-sistemi tas-sigurtà

[1] ĠU L 217, 29.12.1964, p. 3687.
[2] ĠU L 293, 29.12.1972, p. 3.
[3] ĠU C 110, 25.4.1983, p. 60.
[4] Il-Kummissjoni ppreżentat fit-2.2.1983 proposta għal Regolament biex jimplimenta d-Deċiżjoni Nru 3/80, COM (83) 13.
[5] ECJ, il-Każ C-262/96, *Sürül*, il-Każ C-485/07, *Akdas*.

soċjali, li jkunu jridu jiġu implimentati. F'dan is-sens hemm bżonn ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

Għadd ta' Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni ma' pajjiżi terzi fihom dispożizzjonijiet ukoll dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali. Din il-proposta hija parti minn pakkett ta' proposti li jinkludu proposti simili fir-rigward tal-ftehimiet mal-Albanija, il-Montenegro u San Marino. L-ewwel pakkett bi proposti simili fir-rigward tal-Alġerija, il-Marokk, it-Tuneżija, il-Kroazja, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Iżrael ġie adottat mill-Kunsill f'Ottubru 2010[6].

Biex tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, hemm bżonn ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.

**Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Fil-livell tal-Unjoni Ewropea, is-sistemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri huma kkoordinati bir-Regolament (KE) Nru 883/2004[7] u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tiegħu (KE) Nru 987/2009[8].

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1231/2010[9] jestendi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KEE) Nru 987/2009 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawk id-dispożizzjonijiet unikament minħabba ċ-ċittadinanza tagħhom. Dan ir-Regolament diġà jkopri l-prinċipju ta' aggregazzjoni ta' perjodi ta' assigurazzjoni miksuba minn ħaddiema Torok fid-diversi Stati Membri rigward l-intitolament għal ċerti benefiċċji, kif stipulat fl-Artikolu 39 (2) tal-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim mat-Turkija.

**Il-konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni**

It-Turkija ġiet assoċjata mal-proġett tal-integrazzjoni Ewropea mill-iffirmar tal-ftehim ta' Assoċjazzjoni ta' Ankara fl-1963, li ġie ssupplimentat fl-1970 bi Protokoll Addizzjonali. Dawn il-ftehimiet jipprovdu bħala għan, li għandu jinkiseb fi stadji progressivi, il-moviment liberu tal-ħaddiema bejn it-Turkija u l-UE. Bħala korollarja għal dawn id-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-programm, l-Artikolu 39 tal-Protokoll Addizzjonali jistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali. L-implimentazzjoni sħiħa ta' dawn id-dispożizzjonijiet se ttejjeb ir-relazzjoni speċjali mat-Turkija, kif previst fl-Artikolu 8 tat-TUE. Fl-istess ħin, se jippermetti lit-Turkija li tikkonverġi l-politiki tagħha dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali ma' dawk tal-UE bi preparazzjoni għal adeżjoni futura fl-UE.

---

6 ĠU L 306, 23.11.2010.

7 ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.

8 ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1.

9 ĠU L 344, 29.12.2010, p. 1. Skont il-Protokolli Nri 21 u 22, id-Danimarka u r-Renju Unit mhumiex marbuta bi jew suġġetti għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1231/2010. Madankollu, ir-Renju Unit ikompli jkun marbut bi u suġġett għall-applikazzjoni tar-Regolament preċedenti (KE) Nru 859/2003, ĠU L 124, 20.5.2003, p. 1.

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

**Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Din il-proposta għall-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri u tat-Turkija se tieħu post id-Deċiżjoni Nru 3/80. Il-proposta tfasslet kważi b'mod identiku fuq il-pakkett ta' sitt abbozzi ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, rispettivament id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, fir-rigward tal-Alġerija, il-Marokk, it-Tuneżija, il-Kroazja, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Iżrael, li fir-rigward tagħhom il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea ġiet deċiża mill-Kunsill f'Ottubru 2010. Saru negozjati dettaljati fil-Kunsill fl-2010 dwar il-kontenut ta' dawn id-deċiżjonijiet. Dawn in-negozjati kienu ppreċeduti minn diskussjoni intensiva mal-Istati Membri kollha fil-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali.

**Il-ġbir u l-użu tal-kompetenza**

Ma kien hemm l-ebda bżonn ta' għarfien espert estern.

**Valutazzjoni tal-Impatt**

L-Artikolu 39 tal-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim mat-Turkija fih dispożizzjonijiet għall-koordinazzjoni limitata bejn is-sistemi ta' sigurtà soċjali tal-Istati Membri u t-Turkija. Għadd ta' ftehimiet oħra ma' pajjiżi terzi fihom ukoll dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali. Kollha kemm huma jeħtieġu Deċiżjoni tal-organu rilevanti mwaqqaf permezz ta' dawn il-ftehimiet biex il-prinċipji, kif stipulati fl-Artikolu 39, jkunu jistgħu jidħlu fis-seħħ.

L-għan ta' dawn id-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà soċjali f'dawn il-Ftehimiet huwa li ħaddiem mill-pajjiż assoċjat ikkonċernat jista' jirċievi ċerti benefiċċji tas-sigurtà soċjali pprovduti skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat(i) Membru/i li kien jew huwa soġġett għalih/hom. Dan japplika wkoll, fuq bażi ta' reċiproċità, għal ċittadin tal-UE li jaħdem fil-pajjiż assoċjat.

Peress li d-dispożizzjonijiet kollha inklużi fil-pakkett kurrenti tal-proposti fir-rigward tal-erba' pajjiżi assoċjati (l-Albanija, il-Montenegro, San Marino u t-Turkija) huma kważi identiċi – u wkoll kważi identiċi għall-ewwel pakkett ta' sitt deċiżjonijiet fir-rigward tal-Alġerija, il-Marokk, it-Tuneżija, il-Kroazja, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Iżrael adottati mill-Kunsill fl-2010, dan se jiffaċilita l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet mill-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri. Jista' jkun hemm xi implikazzjonijiet finanzjarji għall-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali nazzjonali li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dawn il-proposti, minħabba li dawn iridu jipprovdu, pereżempju, il-benefiċċji kif deskritt fl-Artikolu 39 tal-Protokoll Addizzjonali. Madankollu, dan l-Artikolu jikkonċerna biss lill-persuni li qegħdin jikkontribwixxu lis-sistema nazzjonali tas-sigurtà soċjali tal-pajjiż ikkonċernat, kif stipulat skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu. Fi kwalunkwe każ, jista' jkun diffiċli li f'dan l-istadju jitkejjel l-impatt preċiż ta' dawn il-proposti fuq is-sistemi ta' sigurtà soċjali nazzjonali.

## 3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

**Sommarju tal-azzjoni proposta**

Din il-proposta tikkonsisti minn Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit bil-Ftehim mat-Turkija u, fl-Anness, b'Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fil-qasam tas-sigurtà soċjali.

Id-Deċiżjoni proposta tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tissodisfa r-rekwiżit tal-Artikolu 39 tal-Protokoll Addizzjonali għal tali Deċiżjoni, sabiex jiddaħħlu fis-seħħ il-prinċipji tas-sigurtà soċjali li jinsabu hemmhekk. Barra minn hekk id-Deċiżjoni fiha dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' dawk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 39 tal-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim mat-Turkija li għad mhumiex koperti bir-Regolament (KE) Nru 1231/2010. Barra minn hekk, saret dispożizzjoni speċifika – kif sar fid-Deċiżjoni Nru 3/80 – biex ikun implimentat l-Artikolu 9 tal-Ftehim fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali.

Barra minn hekk, id-Deċiżjoni proposta tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tiżgura li d-dispożizzjonijiet dwar l-esportazzjoni ta' benefiċċji u l-għoti ta' benefiċċji għall-familja japplikaw ukoll, fuq bażi ta' reċiproċità, għal ħaddiema tal-UE impjegati b'mod legali fit-Turkija u għall-membri tal-familja tagħhom li huma residenti fit-Turkija b'mod legali. Peress li d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Assoċjazzoni waqt li qed tagħmel dan, tmur lil hinn mill-ambitu

tal-Artikolu 39 tal-Protokoll Addizzjonali, l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni huwa bbażat ukoll fuq l-Artikolu 22(3) tal-Ftehim ta' Ankara.

**Bażi legali**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandha tissejjes fuq l-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) flimkien mal-Artikolu 48 TFUE.

Fil-fatt, il-Ftehim ta' Ankara u l-Protokoll Addizzjonali jipprovdi għal sitwazzjoni legali li għandha tiġi distinta mis-sitwazzjoni legali stabbilita bi Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni rilevanti oħra ma' dispożizzjonijiet ta' sigurtà soċjali, ladarba – b'kuntrast ma' dawn il-ftehimiet l-oħra - il-Ftehim ta' Ankara u l-Protokoll Addizzjonali jipprovdi b'mod ċar għall-moviment ħieles tal-ħaddiema bħala għan li jrid ikun assigurat fi stadji progressivi. F'dan il-kuntest, il-kunċett ta' moviment ħieles tal-ħaddiema jrid jinftiehem bl-istess mod bħal fid-disposizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni (ara, l-Artikolu 12 tal-Ftehim ta' Ankara).

Huwa veru li l-moviment liberu tal-ħaddiema bejn it-Turkija u l-UE għadu ma nkisibx kollu, u li għalhekk mhuwiex possibbli li tkun deskritta s-sitwazzjoni legali attwali bħala estensjoni tas-suq intern fir-rigward tal-moviment ħieles ta' persuni (kif huwa l-każ għaż-ŻEE u l-Isvizzera). Madankollu, fid-dawl ta' perspettiva differenti stabbilita bil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Protokoll Addizzjonali, li jimmira li jestendi, safejn ikun possibbli għaċ-ċittadini Torok, il-prinċipji stabbiliti fid-dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar il-moviment ħieles tal-ħaddiema[10], l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà soċjali, li jikkostitwixxu korollarju meħtieġ għall-moviment tal-ħaddiema, għandha bl-istess mod issib il-bażi legali tagħha fl-Artikolu 48 TFUE.

**Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-Protokoll Addizzjonali jipprovdi għal prinċipji dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali li jridu jiġu applikati ugwalment mill-Istati Membri kollha. L-implimentazzjoni ta' dawn il-prinċipji għandhom għalhekk jiġu sottomessi għal kundizzjonijiet uniformi, li jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni..

**Prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju ta' propozjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

L-Istati Membri għad għandhom il-kompetenza esklussiva fid-determinazzjoni, l-organizzazzjoni u l-iffinanzjar tas-sistemi tas-sigurtà soċjali nazzjonali tagħhom.

Il-proposta torganizza biss il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri u tat-Turkija, għall-benefiċċju taċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi. Barra minn hekk, il-proposta ma taffettwa l-ebda drittijiet jew obbligi li ġejjin minn ftehimiet bilaterali dwar is-sigurtà soċjali konklużi bejn l-Istati Membri u t-Turkija fejn dawn tal-aħħar jipprovdu għal aktar trattament favorevoli tal-persuni kkonċernati.

Il-proposta tnaqqas il-piż finanzjarju u amministrattiv għall-awtoritajiet nazzjonali, minħabba li hija parti minn pakkett ta' proposti simili li jiżgura applikazzjoni uniformi tad-

[10] Cf. ECJ, il-Każ C-275/02, *Ayaz*, il-paragrafi 44-45, il-Każ C-467/02, *Cetinkaya*, il-paragrafi 42-43.

dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà soċjali li jinsabu fil-Ftehimiet ta’ Assoċjazzjoni ma’ pajjiżi terzi.

**L-għażla tal-istrumenti**

Strumenti proposti: Deċiżjoni tal-Kunsill (li fiha fl-Anness abbozz ta’ Deċizjoni tal-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni).

Mezzi oħra ma jkunux adegwati għar-raġunijiet li ġejjin.

Ma hemm l-ebda għażla alternattiva għall-azzjoni proposta. L-Artikolu 39 tal-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim jitlob Deċiżjoni tal-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni rispettiv. L-Artikolu 218 (9) tat-Trattat jipprevedi Deċiżjoni tal-Kunsill għall-għan tat-teħid tal-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’korp stabbilit minn Ftehim, fejn dan il-korp jintalab jadotta deċiżjonijiet li għandhom effett legali.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet għall-baġit tal-Unjoni.

## 5. ELEMENTI MHUX OBBLIGATORJI

**Simplifikazzjoni**

Il-proposta tipprevdi s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali u s-simplifikazzjoni ta’ proċeduri amministrattivi għal dawk privati.

**Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta**

**A. Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f’isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni mat-Turkija fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali.**

Artikolu 1

Dan l-Artikolu jipprovdi għall-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-UE fil-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni ta’ bejn l-UE u t-Turkija.

**B. L-abbozz tad-Deċiżjoni annessa tal-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni fir-rigward tad-dispożizzjonijiet għall-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali li hemm fil-Ftehim.**

Il-Parti I: Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

Dan l-Artikolu jiddefinixxi, għall-għanijiet tal-leġiżlazzjoni ta’ Stat Membru u għall-għan tal-leġiżlazzjoni tat-Turkija, it-termini "Ftehim", "Regolament", "Regolament ta’ implimentazzjoni", "Stat Membru", "ħaddiem", "membru tal-familja", "leġiżlazzjoni", "benefiċċji" u "benefiċċji esportabbli", u jirreferi għar-Regolament u għar-Regolament ta' implimentazzjoni għat-termini l-oħra użati fid-Deċiżjoni annessa.

Artikolu 2

F'konformità mal-kliem tal-Artikolu 39 tal-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim mat-Turkija, dan l-Artikolu jiddefinixxi l-persuni koperti bid-Deċiżjoni annessa.

Artikolu 3

Dan l-Artikolu jipprovdi għal trattament mhux diskriminatorju tal-persuni kollha koperti bil-Ftehim fir-rigward ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali koperti minnu.

Parti II

Ir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u t-Turkija

Din il-Parti tad-Deċiżjoni annessa tkopri l-prinċipji misjuba fl-Artikolu 39 (4) tal-Protokoll Addizzjonali mat-Turkija kif ukoll il-klawżola ta' reċiproċità fir-rigward taċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom.

Artikolu 4

Dan l-Artikolu fih il-prinċipju tal-esportazzjoni tal-benefiċċji fi flus kontanti kif stabbilit fl-Artikolu 39(4) tal-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim mat-Turkija u jagħmilha ċara li l-prinċipju huwa limitat għall-benefiċċji mniżżla fl-Artikolu 1(1)(i) tad-Deċiżjoni annessa li telenka l-benefiċċji msemmija f'dan il-paragrafu.

Parti III

Dispożizzjonijiet mixxellanji

Artikolu 5

Dan l-Artikolu fih dispożizzjonijiet ġenerali għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tagħhom, min-naħa, u t-Turkija u l-istituzzjonijiet tagħha, min-naħa l-oħra, kif ukoll bejn il-benefiċjarji u l-istituzzjonijiet ikkonċernati. Dawn id-dispożizzjonijiet huma simili għal dawk tal-Artikolu 76 (3), (4), l-ewwel u t-tielet subparagrafi, u (5) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004.

Artikolu 6

Dan l-Artikolu jistipula l-proċeduri għal kontrolli amministrattivi u l-eżamijiet mediċi simili għal dawk li jinsabu fl-Artikolu 87 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009. Barra minn hekk, jipprevedi għall-possibbiltà tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni oħrajn f'dan il-qasam.

Artikolu 7

Dan l-Artikolu jirreferi għall-possibbiltà li tintuża l-proċedura ta' soluzzjoni ta' tilwim stabbilita fil-Ftehim.

Artikolu ,8

Dan l-Artikolu jirreferi għall-Anness II tad-Deċiżjoni annessa li hija simili għall-Anness XI tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, u li hija neċessarja sabiex ikunu stabbiliti

dispożizzjonijiet speċjali meħtieġa għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Torka fir-rigward tad-Deċiżjoni annessa.

Artikolu 9

Dan l-Artikolu jippermetti proċeduri amministrattivi minn ftehimiet eżistenti bejn Stat Membru u t-Turkija biex ikomplu japplikaw taħt ċerti kondizzjonijiet.

Artikolu 10

Dan l-Artikolu jipprevedi għall-possibbiltà li jiġu konklużi Ftehimiet amministrattivi supplimentari.

Artikolu 11

Id-disposizzjonijiet tranżitorji previsti skont dan l-Artikolu huma simili għad-dispożizzjonijiet tranżitorji fl-Artikolu 87 (1), (3), (4), (6) u (7) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004. Barra minn hekk, hemm dispożizzjoni li tipproteġi d-drittijiet ta' ħaddiema Torok li, minħabba fir-riżultat tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ C-485/07 Akdas dwar l-effett dirett tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 3/80, huma qabel id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni li jipprovdi pensjoni jew benefiċċju minn Stat Membru.

Artikolu 12

Dan l-Artikolu jiċċara l-istat legali tal-Annessi tad-Deċiżjoni annessa u l-proċedura għall-emenda tagħhom.

Artikolu 13

Dan l-Artikolu jiċċara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni annessa.

2012/0076 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 48, flimkien mal-Artikolu 218 (9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija[1] ("il-Ftehim") u l-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim tat-23 ta' Novembru 1970[2] ("il-Protokoll Addizzjonali") jipprovdi li l-libertà tal-moviment għall-ħaddiema bejn l-Unjoni u t-Turkija għandha tkun assigurata fi stadji progressivi.

(2) L-Artikolu 9 tal-Ftehim jipprovdi li fl-ambitu tal-Ftehim kwalunkwe diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità għandha tkun ipprojbita.

(3) L-Artikolu 39 tal-Protokoll Addizzjonali jipprovdi li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta miżuri ta' sigurtà soċjali għal-ħaddiema ta' nazzjonalità Torka li jiċċaqilqu fil-Komunità u għall-familji tagħhom li jabitaw fil-Komunità.

(4) Bħala l-ewwel pass lejn l-implimentazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Protokoll Addizzjonali u tal-Artikolu 9 tal-Ftehim fil-qasam tas-sigurtà soċjali, id-Deċiżjoni Nru 3/80 dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej għall-ħaddiema Torok u l-membri tal-familji tagħhom ġiet adottata mill-Kunsill tal-Assoċjazzjoni fid-19 ta' Settembru 1980[3] ("id-Deċiżjoni Nru 3/80").

(5) Huwa meħtieġ li jkun żgurat li fil-qasam tas-sigurtà soċjali l-Artikolu 9 tal-Ftehim u l-Artikolu 39 tal-Protokoll Addizzjonali jiġu implimentati bis-sħiħ.

---

1 ĠU 217, 29.12.1964, p. 3687.
2 ĠU L 293, 29.12.1972, p. 3.
3 ĠU C 110, 25.4.1983, p. 60.

(6) Hemm bżonn li jkun aġġornat il-kontenut tad-Deċiżjoni Nru 3/80 sabiex id-dispożizzjonijiet tiegħu jirriflettu l-iżviluppi fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-Unjoni Ewropea[4].

(7) Id-Deċiżjoni Nru 3/80 għandha għalhekk titħassar u tinbidel b'deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li f'pass wieħed timplimenta d-dispożizzjonijet rilevanti tal-Ftehim u l-Protokoll Addizzjonali rigward il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet għall-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, għandha tissejjes fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni annessa ma' din id-Deċiżjoni.

Tibdil minuri fl-abbozz tad-deċiżjoni jista' jiġi miftiehem mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kunsill tal-Assoċjazzjoni mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussel,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

---

4 Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1). Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 987/2009 tas-16 ta' Settembru 2009, ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1; Ir-Regolament (UE) Nru 1231/10 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jestendi r-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawn ir-Regolamenti unikament minħabba n-nazzjonalità tagħhom, ĠU L 344, 29.12.2009, p. 1.

**ANNESS**

**Abbozz**

**DEĊIŻJONI Nru .../.... TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-TURKIJA**

**ta' ...**

**fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali**

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija[1] u b'mod partikolari l-Artikolu 22(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Addizzjonali tat-23 ta' Novembru 1970[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 39 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija ("il-Ftehim") u l-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim tat-23 ta' Novembru 1970 ("il-Protokoll Addizzjonali") jipprovdi li l-libertà tal-moviment għall-ħaddiema bejn l-Unjoni u t-Turkija għandha tkun assigurata fi stadji progressivi.

(2) L-Artikolu 9 tal-Ftehim jipprovdi li fl-ambitu tal-Ftehim kwalunkwe diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità għandha tkun ipprojbita.

(3) L-Artikolu 39 tal-Protokoll Addizzjonali jipprovdi għall-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tat-Turkija u l-Istati Membri u jistipula l-prinċipji għal tali koordinazzjoni.

(4) L-Artikolu 39 tal-Protokoll Addizzjonali jipprovdi li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta miżuri ta' sigurtà soċjali għal-ħaddiema ta' nazzjonalità Torka li jiċċaqilqu fil-Komunità u għall-familji tagħhom li jabitaw fl-Unjoni.

(5) Bħala l-ewwel pass lejn l-implimentazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Protokoll Addizzjonali, id-Deċiżjoni Nru 3/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej għall-ħaddiema Torok u membri tal-familji tagħhom ġiet adottata mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fid-19 ta' Settembru 1980[3] ("id-Deċiżjoni Nru 3/80").

(6) Huwa meħtieġ li jkun żgurat li fil-qasam tas-sigurtà soċjali l-Artikolu 9 tal-Ftehim u l-Artikolu 39 tal-Protokoll Addizzjonali jiġu implimentati bis-sħiħ.

---

1 ĠU 217, 29.12.1964, p. 3687/64.
2 ĠU L 293, 29.12.1972, p.4.
3 ĠU C 110, 25.4.1983, p. 60.

(7) Hemm bżonn li jkun aġġornat il-kontenut tad-Deċiżjoni Nru 3/80 sabiex id-dispożizzjonijiet tiegħu jirriflettu l-iżviluppi fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjal tal-Unjoni Ewropea.

(8) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1231/2010[4] diġà jestendi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KEE) Nru 987/2009 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawk id-dispożizzjonijiet unikament minħabba ċ-ċittadinanza tagħhom. Ir-Regolament (UE) Nru 1231/2010 diġà jkopri l-prinċipju ta' aggregazzjoni ta' perjodi ta' assigurazzjoni miksuba minn ħaddiema Torok fid-diversi Stati Membri rigward l-intitolament għal ċerti benefiċċji, kif stipulat fl-Artikolu 39(2) tal-Protokoll Addizzjonali.

(9) Id-Deċiżjoni Nru 3/80 għandha għalhekk titħassar u tinbidel b'deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li f'pass wieħed timplimenta l-prinċipji kollha dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali li jinsabu fil-ftehim u fil-Protokoll Addizzjonali.

(10) Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tagħti drittijiet addizzjonali li jirriżultaw minn ċerti fatti jew avvenimenti li jiġru fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra, fejn tali fatti jew każijiet ma jiġux ikkunsidrati skont il-leġiżlazzjoni tal-ewwel Parti Kontraenti, minbarra d-dritt għall-esportazzjoni ta' ċerti benefiċċji.

(11) Fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, id-dritt tal-ħaddiema għall-benefiċċji tal-familja għandu jkun suġġett għall-kundizzjoni li l-membri tal-familja tagħhom jabitaw legalment ma' dawn il-ħaddiema fl-Istat Membru fejn il-ħaddiema huma impjegati. Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tagħti xi intitolament għall-benefiċċji familjari fir-rigward tal-membri tal-familji tagħhom residenti fi Stat ieħor, pereżempju t-Turkija.

(12) Jista' jkun hemm bżonn li jkunu stabbiliti dispożizzjonijiet speċjali li jikkorrispondu mal-karatteristiċi speċifiċi tal-leġiżlazzjoni tat-Turkija, sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tar-regoli tal-koordinazzjoni.

(13) Biex ikun żgurat it-tħaddim bla xkiel tal-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri u tat-Turkija, huwa meħtieġ li jkun ipprovdut għal dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u t-Turkija kif ukoll bejn il-persuna kkonċernata u l-istituzzjoni tal-Istat kompetenti.

(14) Id-dispożizzjonijiet tranżitorji għandhom jiġu adottati sabiex iħarsu l-persuni koperti minn din id-Deċiżjoni u sabiex ikun żgurat li ma jitilfux drittijiet b'riżultat tad-dħul fis-seħħ tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

4 ĠU L 344, 29.12.2010, p. 1.

*PARTI I*

***DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI***

*Artikolu 1*

***Tifsiriet***

1. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni

(a) "Ftehim" tfisser il-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija;

(b) "Regolament" tfisser ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali[5] kif applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;

(c) "Regolament ta' implimentazzjoni" tfisser ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali[6];

(d) "Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

(e) "ħaddiem" tfisser,

(i) għall-għanijiet tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, persuna li qiegħda twettaq attività bħala persuna impjegata fit-tifsira tal-Artikolu 1(a) tar-Regolament;

(ii) għall-għanijiet tal-leġiżlazzjoni tat-Turkija, persuna li twettaq attività bħala persuna impjegata fit-tifsira ta' dik il-leġiżlazzjoni;

(f) "membru tal-familja" tfisser,

(i) għall-għanijiet tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, membru tal-familja fit-tifsira tal-Artikolu 1(i) tar-Regolament;

(ii) għall-għanijiet tal-leġiżlazzjoni tat-Turkija, membru tal-familja fit-tifsira ta' dik il-leġiżlazzjoni;

(g) "leġiżlazzjoni" tfisser,

(i) fir-rigward tal-Istati Membri, il-leġiżlazzjoni fit-tifsira tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament kif applikabbli għall-benefiċċji koperti minn din id-Deċiżjoni;

(ii) fir-rigward tat-Turkija, il-leġiżlazzjoni rilevanti kif applikabbli fit-Turkija dwar il-benefiċċiji koperti minn din id-Deċiżjoni;

(h) "benefiċċji" tfisser,

---

5 ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.

6 ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1.

(i) fir-rigward tal-Istati Membri, il-benefiċċji fit-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament;

(ii) fir-rigward tat-Turkija, il-benefiċċji korrispondenti li japplikaw ġewwa t-Turkija;

(i) "benefiċċji esportabbli" tfisser,

(i) fir-rigward tal-Istati Membri:

– pensjonijiet għall-anzjanità:
– pensjoni tas-superstiti:
– pensjonijiet marbutin ma' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u ma' mard marbut max-xogħol
– pensjonijiet ta' invalidità;

fit-tifsira tar-Regolament, bl-eċċezzjoni ta' benefiċċji speċjali fi flus kontanti mhux kontributorji kif stabbilit fl-Anness X tar-Regolament;

(ii) fir-rigward tat-Turkija, il-benefiċċji korrispondenti pprovduti skont il-leġiżlazzjoni Torka, bl-eċċezzjoni ta' benefiċċji speċjali fi flus kontanti mhux kontributorji kif stipulat fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

2. Termini oħra użati f'din id-Deċiżjoni għandu jkollhom it-tifsira assenjata lilhom:

(a) fir-rigward tal-Istati Membri, fir-Regolament u r-Regolament ta' implimentazzjoni;

(b) fir-rigward tat-Turkija, fil-leġiżlazzjoni rilevanti, kif applikabbli fit-Turkija.

*Artikolu 2*

***Persuni koperti***

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika:

(a) għal ħaddiema Torok li huma jew li kienu impjegati legalment fit-territorju ta' Stat Membru u li huma jew li kienu suġġetti għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew aktar, u s-superstiti tagħhom;

(b) għall-membri tal-familja tal-ħaddiema msemmija fil-punt (a) sakemm dawn il-membri tal-familja huma jew kienu residenti legalment mal-ħaddiem ikkonċernat filwaqt li l-ħaddiem huwa impjegat fi Stat Membru;

(c) għal ħaddiema li huma ċittadini ta' Stat Membru u li huma jew li kienu legalment impjegati fit-territorju tat-Turkija u li huma jew li kienu suġġetti għal-leġiżlazzjoni tat-Turkija, u s-superstiti tagħhom; kif ukoll

(d) għall-membri tal-familja tal-ħaddiema msemmija fil-punt (c) sakemm dawn il-membri tal-familja huma jew kienu residenti legalment mal-ħaddiem ikkonċernat filwaqt li l-ħaddiem huwa impjegat fit-Turkija;

*Artikolu 3*

***Trattament ugwali***

1. Ħaddiema Torok li jkunu impjegati legalment fi Stat Membru u kwalunkwe membri tal-familji tagħhom li huma residenti legalment magħhom għandhom igawdu, fir-rigward tal-benefiċċji fit-tifsira tal-Artikolu 1(1)(h), trattament ħieles minn kull diskriminazzjoni bażata fuq nazzjonalità relattiva għaċ-ċittadini tal-Istati Membri fejn dawk il-ħaddiema huma impjegati.

2. Ħaddiema li huma ċittadini ta' Stat Membru u li huma impjegati legalment fit-Turkija u kwalunkwe membri tal-familji tagħhom li huma residenti legalment magħhom għandhom igawdu, fir-rigward tal-benefiċċji fit-tifsira tal-Artikolu 1(1)(h), trattament ħieles minn kull diskriminazzjoni bażata fuq nazzjonalità relattiva għaċ-ċittadini tat-Turkija.

*Parti II*

**IR-RELAZZJONIJIET BEJN L-ISTATI MEMBRI U T-TURKIJA**

*Artikolu 4*

**Rinunzja tal-klawzoli ta' residenza**

1. Benefiċċji esportabbli fit-tifsira tal-Artikolu 1(1)(i) li għalihom il-persuni kif imsemmija fl-Artikolu 2(a) u (c) huma intitolati ma għandhomx ikunu suġġetti għall-ebda tnaqqis, bdil, sospensjoni, rtirar jew konfiska għar-raġuni tal-fatt li l-benefiċjarju huwa residenti,

(i) għall-għan ta' benefiċċju skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, fit-territorju tat-Turkija, jew

(ii) għall-għan ta' benefiċċju skont il-leġiżlazzjoni tat-Turkija, fit-territorju ta' Stat Membru.

2. Il-membri tal-familja ta' ħaddiem kif imsemmi fl-Artikolu 2(b) huma intitolati għal benefiċċji esportabbli fit-tifsira tal-Artikolu 1(1)(i)(i) bl-istess mod kif il-membri tal-familja ta' ħaddiem li huwa ċittadin tal-Istat Membru konċernat meta dawn il-membri tal-familja jgħixu fit-territorju tat-Turkija.

3. Il-membri tal-familja ta' ħaddiem kif imsemmi fl-Artikolu 2(d) huma intitolati għal benefiċċji esportabbli fit-tifsira tal-Artikolu 1(1)(i)(ii) bl-istess mod kif il-membri tal-familja ta' ħaddiem li huwa ċittadin tal-Istat Membru konċernat meta dawn il-membri tal-familja jgħixu fit-territorju ta' Stat Membru.

*PART III*

## DISPOŻIZZJONIJIET MIXXELLANJI

*Artikolu 5*

### Kooperazzjoni

1. L-Istati Membri u t-Turkija għandhom jikkomunikaw lil xulxin l-informazzjoni kollha dwar il-bidliet fil-leġiżlazzjoni tagħhom li tista' tolqot l-implimentazzjoni ta' din id-Deċizjoni.

2. Għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri u tat-Turkija għandhom joffru l-għajnuna tagħhom lil xulxin u jaġixxu daqs li kieku qed jimplimentaw il-leġiżlazzjoni tagħhom stess. Bħala regola, l-għajnuna amministrattiva mogħtija minn dawn l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet għandha tkun bla ħlas. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u tat-Turkija jistgħu jaqblu li ċerti spejjeż jitħallsu lura.

3. L-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri u tat-Turkija jistgħu, għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, jikkomunikaw direttament ma' xulxin u mal-persuni involuti jew mar-rappreżentanti tagħhom.

4. L-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Deċiżjoni għandhom id-dmir ta' tagħrif u kooperazzjoni reċiproċi sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni korretta ta' din id-Deċiżjoni.

5. Il-persuni konċernati għandhom jinfurmaw lill-istituzzjonijiet tal-Istat Membru kompetenti jew tat-Turkija, fejn tal-aħħar huwa l-istat kompetenti, u tal-Istat Membru ta' residenza jew tat-Turkija, fejn tal-aħħar huwa l-Istat ta' residenza, mill-aktar fis possibbli dwar kwalunkwe bidla fis-sitwazzjoni personali jew familjari tagħhom li tolqot id-dritt tagħhom għal benefiċċji skont din id-Deċiżjoni.

6. In-nuqqas ta' rispett lejn l-obbligu ta' tagħrif imsemmi fil-paragrafu 5, jista' jirriżulta fl-applikazzjoni ta' miżuri proporzjonali skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali. Madankollu, dawn il-miżuri għandhom ikunu ekwivalenti għal dawk applikabbli għal qagħdiet simili skont il-liġi domestika u ma għandhomx jagħmluha impossibbli jew diffiċli ż-żejjed fil-prattika għal dawk li japplikaw li jeżerċitaw id-drittijiet konferiti lilhom b'din id-Deċiżjoni.

7. L-Istati Membri u t-Turkija jistgħu jipprovdu għal dispożizzjonijiet nazzjonali li jistabbilixxu kundizzjonijiet għall-verifika tad-dritt għall-benefiċċji li tqis il-fatt li l-benefiċjarji qed joqogħdu jew jirrisjedu barra t-territorju tal-Istat fejn tkun tinsab l-istituzzjoni debitriċi. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu proporzjonati, ħielsa minn kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità u skont il-prinċipji ta' din id-Deċiżjoni. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

*Artikolu 6*

**Kontrolli amministrattivi u eżamijiet mediċi**

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-persuni kif imsemmi fl-Artikolu 2 u għal dawk li jirċievu l-benefiċċji esportabbli kif imsemmi fl-Artikolu 1(1)(i), kif ukoll għall-istituzzjonijiet inkarigati mill-implimentazzjoni ta’ din id-Deċiżjoni.

2. Fejn il-benefiċjarju jew l-applikant ta’ benefiċċji, jew membru tal-familja tiegħu, qed joqgħod jew jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru meta l-istituzzjoni debitriċi tinsab fit-Turkija jew fit-Turkija meta l-istituzzjoni debitriċi tinsab fi Stat Membru, l-eżamijiet mediċi għandhom jitwettqu, fuq talba ta’ dik l-istituzzjoni, mill-istituzzjoni tal-post ta' żjara jew ta' residenza tal-benefiċjarju skont il-proċeduri stabbiliti mil-leġiżlazzjoni applikata minn din l-istituzzjoni.

   L-istituzzjoni debitriċi għandha tinforma lill-istituzzjoni tal-post taż-żjara jew ta’ residenza dwar kwalunkwe ħtieġa speċjali li għandha tiġi segwita u, jekk meħtieġ, bil-punti li jridu jiġu koperti mill-eżami mediku.

   L-istituzzjoni tal-post taż-żjara jew ta’ residenza għandha tgħaddi rapport lill-istituzzjoni debitriċi li talbet l-eżami mediku.

   L-istituzzjoni debitriċi żżomm id-dritt li teżamina lill-benefiċjarju minn tabib tal-għażla tagħha, jew fit-territorju fejn il-beneficjarju jew l-applikant ta’ benefiċċji qed joqgħod jew jirrisjedi jew fil-pajjiż fejn l-istituzzjoni debitriċi hija lokalizzata. Madankollu, il-benefiċjarju jista' jintalab li jirritorna fl-Istat Membru tal-istituzzjoni debitriċi biss jekk huwa jew hija jista' jagħmel il-vjaġġ mingħajr ma dan ikun ta’ dannu għal saħħtu/saħħitha u jekk l-ispiża tal-vjaġġ u tal-akkomodazzjoni titħallas mill-istituzzjoni debitriċi.

3. Fejn il-beneficjarju jew l-applikant ta’ benefiċċji, jew membru tal-familja tiegħu, qed joqgħod jew jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru meta l-istituzzjoni debitriċi tinsab fit-Turkija jew fit-Turkija meta l-istituzzjoni debitriċi tinsab fi Stat Membru, il-kontroll amministrattiv għandu, fuq talba tal-istituzzjoni debitriċi, jitwettaq mill-istituzzjoni tal-benefiċjarju tal-post taż-żjara jew ta’ residenza.

   L-istituzzjoni tal-post taż-żjara jew tar-residenza hija marbuta li tagħmel rapport lill-istituzzjoni debitriċi li talbet il-kontroll.

   L-istituzzjoni debitriċi għandha żżomm id-dritt li wara tipproċedi biex teżamina s-sitwazzjoni tal-benefiċjarju minn tabib tal-għażla proprja tagħha. Madankollu, il-benefiċjarju jista' jintalab li jirritorna fl-Istat Membru tal-istituzzjoni debitriċi biss jekk huwa jew hija jista' jagħmel il-vjaġġ mingħajr ma dan ikun ta’ dannu għal saħħtu/saħħitha u jekk l-ispiża tal-vjaġġ u tal-akkomodazzjoni titħallas mill-istituzzjoni debitriċi.

4. Stati Membru wieħed jew aktar u t-Turkija jistgħu jaqblu dwar dispożizzjonijiet amministrattivi oħra, basta jinformaw lill-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni tiegħu.

5. Bħala eċċezzjoni għall-prinċipju ta’ kooperazzjoni amministrattiva reċiproka mingħajr ħlas fl-Artikolu 5(2) ta’ din id-Deċiżjoni, l-ammont effettiv tal-ispejjeż tal-

verifiki msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandu jitħallas lura lill-istituzzjoni li ntalbet twettaqhom mill-istituzzjoni debitriċi li talbithom.

*Artikolu 7*

**Applikazzjoni tal-Artikolu 25 tal-Ftehim**

L-Artikolu 25 tal-Ftehim għandu japplika fil-każ li kwalunkwe waħda mill-Partijiet tqis li l-Parti l-oħra ma kkonformatx mal-obbligi kif stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6.

*Artikolu 8*

**Dispożizzjonijiet speċjali għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tat-Turkija**

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista', jekk meħtieġ, jistipula dispożizzjonijiet speċjali għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tat-Turkija fl-Anness II.

*Artikolu 9*

**Il-proċeduri amministrattivi mill-ftehimiet bilaterali eżistenti**

Proċeduri amministrattivi li jinsabu fi ftehimiet bilaterali eżistenti bejn Stat Membru u t-Turkija jistgħu jkomplu japplikaw sakemm dawn il-proċeduri ma jaffettwawx b'mod ħażin id-drittijiet jew l-obbligi tal-persuni kkonċernati stabbiliti minn din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 10*

**Ftehimiet li jissupplimentaw il-proċeduri għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni**

Wieħed jew aktar minn Stat Membru u t-Turkija jistgħu jikkonkludu ftehimiet imfassla biex jissupplementaw il-proċeduri amministrattivi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, speċjalment fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi u l-iżbalji.

*PARTI IV*

## DISPOŻIZZJONIJIET TRANSIZZJONALI U FINALI

*Artikolu 11*

**Dispożizzjonijiet transizzjonali**

1. L-ebda dritt ma għandu jinkiseb skont din id-Deċiżjoni għall-perjodu qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.

2. Suġġett għall-paragrafu 1, dritt għandu jinkiseb skont din id-Deċiżjoni anke jekk dan jittratta kontinġenza li tqum qabel id-data tad-dħul tagħha fis-seħħ.

3. Kwalunkwe benefiċċju li ma ngħatax jew li kien sospiż minħabba n-nazzjonalità jew minħabba l-post ta' residenza tal-persuna kkonċernata għandu, fuq talba ta' din il-persuna, jingħata jew jitkompla b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Deċiżjoni, sakemm id-drittijiet li fir-rigward tagħhom kienu qabel ingħataw benefiċċji ma rriżultawx fi ħlas ta' somma waħda f'daqqa.

4. Jekk issir talba li għaliha saret referenza fil-paragrafu 3 fi żmien sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, id-drittijiet miksuba skont din id-Deċiżjoni għandu jkollhom effett minn dik id-data, u l-leġiżlazzjoni ta' kwalunkwe Stat Membru jew tat-Turkija li tikkonċerna t-telf jew limitazzjoni ta' drittijiet ma tistax tiġi invokata kontra l-persuni konċernati.

5. Jekk talba msemmija fil-paragrafu 3 ssir wara li jispiċċa l-perjodu ta' sentejn wara l-jum tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Deċiżjoni, id-drittijiet li ma jkunux intilfu jew li ma jkunux miżmuma biż-żmien għandu jkollhom effett mill-jum li fih tkun saret it-talba, dan iżda suġġett għad-disposizzjonijiet aktar favorevoli taħt il-leġiżlazzjoni ta' kwalunkwe Stat Membru jew tat-Turkija.

6. Id-drittijiet ta’ persuna li lilha pensjoni jew benefiċċju speċjali mhux kontributorji fi flus kontanti huwa provdut minn Stat Membru qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni bħala riżultat tal-effett dirett tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 3/80 tal-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni ma għandhomx ikunu limitati jew mitlufa bħala riżultat ta’din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 12*

**Annessi ta’ din id-Deċiżjoni**

L-Annessi ta’ din id-Deċiżjoni jikkostitwixxu parti integrali minnha.

*Artikolu 13*

**Tħassir**

Id-Deċiżjoni Nru 3/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tad-19 ta' Settembru 1980 għandha titħassar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 14*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

Il-President

## ANNESS I

## LISTA TA' BENEFIĊĊJI MHUX KONTRIBUTORJI SPEĊJALI TOROK

# ANNESS II

## DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-LEĠIŻLAZZJONI TAT-TURKIJA